

# Ħamsa u Erbgħin Sena minn meta l-Knisja ta' Santa Rokku saret Sagramentali

Kien nhar il-Ħamis 26 ta' Mejju 1966 meta saret għall-ewwel darba l-festa ta' Santa Rita. Iċ-ċelebrant prinċipali kien l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Emanuel Galea, Vigarju Ġenerali tad-djoċesi tagħna.

Mons.Isqof kien qalli,'Darri lin-nies biex l-ewwel viżta f'din il-knisja ssir lil Ġesu' Ewkaristija u wara lil Santa Rita'. Qalli ukoll, ìIkteb avviż ta' dan li qiegħed ngħidlek għax din id-devozzjoni se tikber mal-milja tas-snin'. Mhux ta' b'xejn qiegħda ssir it-talba għall-beatifikazzjoni ta' dan l-Isqof għax għaddew sitta u erbgħin (46) sena u d-devozzjoni lejn Santa Rita kibret minn sena għall-oħra.



Jien kont għidt lill-Isqof Emanuel Galea li kien ilni b'din ix-xewqa, iżda l-Arċisqof Mikiel Gonzi kien sab oġġezzjoni għax il-knisja ta' Santu Rokku hi qrib il-Parroċċa. Mons. Isqof Galea weġibni,'Jien issa se nqaddes u se nħalli lil Ġesu' Ewkaristija fit-tabernaklu u lill-Arċisqof ngħidlu jien li ħallejt l-Ewkaristija fil-Knisja ta' Santu Rokku'. Hawn tajjeb inżid ngħid li mhux fil-knejjes kollha jinżamm is-sagrament tal-Ewkaristija.

Għalhekk ngħidu grazzi lis-Sinjur Alla u lill-Isqof Galea li f'din il-knisja jgħix magħna lejl u nhar Ġesu' Ewkaristija biex meta l-knisja tkun miftuħa u ma jkunx hemm funzjonijiet kull wieħed minna jista' jidħol jitkellem fis-skiet ma' Ġesu Ewkaristija.

***John Tonna***